# L-istaġun tal-insib għall-għasafar tal-għana m'għandu jinfetaħ qatt aktar

## L-ewwel reazzjoni ta' BirdLife Malta għall-verdett ċar mogħti dalgħodu mill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja

Dalgħodu l-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja tat sentenza li biha sabet lil Malta ħatja li kisret id-Direttiva Ewropea dwar l-Għasafar meta ppermettiet li jerġa' jinfetaħ staġun tal-insib għall-għasafar tal-għana fl-2014. Il-Qorti Ewropea qalet b'mod ċar li meta adottat deroga li tippermetti l-insib għal seba' speċi ta' għasafar tal-għana, Malta naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skont il-liġijiet Ewropej.

Il-kawża li qatgħet il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja hija l-istadju finali fil-proċeduri ta' ksur mibdija mill-Kummissjoni Ewropea kontra Malta u l-verdett hu wieħed ċar u inekwivoku, li ma jħalli lok għall-ebda interpretazzjoni. F'konferenza tal-aħbarijiet aktar kmieni llum, BirdLife Malta insistiet li fid-dawl ta' din is-sentenza, il-Gvern m'għandu jiftaħ qatt aktar l-istaġun tal-insib għall-għasafar tal-għana u jirtira l-qafas ta' regolamenti li jippermettu deroga li tiftaħ l-istaġun għall-insib tal-għasafar tal-għana b'effett immedjat.

Issa li l-Gvern għandu proċess delikat quddiemu biex jara li d-deċiżjoni tal-Qorti Ewropea tiġi rispettata u infurzata, BirdLife Malta hija lesta tassisti lill-Gvern biex dan il-verdett jiġi attwat b'pariri bbażati fuq il-fatti xjentifiċi, il-prinċipji ewlenin tal-konservazzjoni u l-implimentazzjoni sħiħa tad-Direttiva tal-Unjoni Ewropea dwar l-Għasafar.

Il-verdett mogħti llum fil-Lussemburgu fil-kawża C-557/15 "Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika ta' Malta" sab lil Malta ħatja fuq l-erba' akkużi prinċipali u jwaqqa' l-argumenti kollha li ressaq il-Gvern Malti, jiġifieri:

1. **Li m'hemm l-ebda soluzzjoni oħra sodisfaċenti:** Għall-kuntrarju l-Qorti qalet li Malta lanqas biss ikkunsidrat alternattivi oħra qabel ma awtorizzat l-insib u għalhekk naqset milli tipprova li m'hemmx alternattiva oħra sodisfaċenti,
2. **Li l-insib isir f'numri żgħar:** Il-Qorti kkonkludiet li n-numri ta' għasafar maqbuda f'Malta ma jikkostitwixxux prattika sostenibbli meta mqabbel mal-għasafar li jpassu minn fuq Malta mill-Ewropa,
3. **Li l-insib f'Malta jaqa' taħt il-kunċett ta' "użu meqjus" u hu selettiv:** Għall-kuntrarju l-Qorti kkonkludiet li, fid-dawl tal-fatt li l-insib f'Malta isir bi xbieki kbar (clap-nets), mhuwiex selettiv (għax jinqabdu mhux biss għasafar tal-għana imma anke fawna oħra) u lanqas ma jippermetti l-kontroll ta' numri żgħar. Fid-dawl ta' dan il-Qorti kkonkludiet li l-insib rikreattiv ma jistax jiġi meqjus bħala "użu meqjus" ta' għasafar selvaġġi,



4. **Li l-insib isir taħt infurzar strett:** Għall-kuntrarju, il-Qorti ma kkonvinċietx ruħha dwar il-ħidma ta' infurzar li ssir mill-awtoritajiet Maltin b'rabta mal-qbid tal-għasafar tal-għana u bis-sistema adottata mill-Wild Birds Regulation Unit (WBRU) biex jiġu ddikjarati l-għasafar li jinqabdu. Innutat ukoll li 23% biss tan-nassaba sarulhom spezzjonijiet individwali li huwa inadegwat, u żiedet li l-evidenza turi li l-insib f'siti Natura 2000 hu frekwenti ħafna.

B'din id-deċiżjoni l-impatti negattivi kollha li ġġorr magħha l-attività tal-insib għandhom jiġu eliminati u l-verdett effettivament ifisser numru ta' vantaġġi għan-natura f'Malta. L-aktar impatt pożittiv importanti hu li meded kbar ta' art fil-Gżejjer Maltin li matul l-aħħar snin kienu awtorizzati mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi (WBRU) biex fuqhom isir l-insib issa se jingħataw lura lin-natura b'ammont kbir ta' veġetazzjoni li kienet tneħħiet għall-imnasab tingħata ċ-ċans li terġa' tikber. Il-maġġor parti ta' dawn l-imnasab jinsabu fuq art pubblika f'siti Natura 2000 li suppost jingħataw attenzjoni speċjali minħabba l-importanza ekoloġika tagħhom. Matul l-aħħar snin inqerdu zoni kbar ta' xagħri f'dawn is-siti biex minflok jittellgħu xbieki għall-insib. Hu stmat li kull sena art li d-daqs tagħha jammonta għal 43 grawnd tal-futbol tintuża esklussivament għall-insib. Ladarba l-istaġun ma jibqax jinfetaħ, il-pulizija għandha ssibha wkoll aktar faċli biex tinforza u twaqqaf lil dawk li jokkupaw artijiet mhux irreġistrati biex jonsbu fuqhom.

Konsegwenza pożittiva oħra ta' din is-sentenza tal-Qorti Ewropea se tkun fuq il-kumplament tal-ħlejjaq l-oħra li jispiċċaw jinqabdu intortament fix-xbieki tan-nassaba li jitħallew fil-kampanja, minbarra l-għasafar infushom. Bit-tmiem tal-insib, ma jitħallewx aktar imnasab mitluqin fil-kampanja – xi ħaġa li kienet twassal biex annimali oħra bħal speċi differenti ta' għasafar, qniefed u rettili wkoll jispiċċaw maqbudin fix-xbieki u jibqgħu hemm sakemm imutu.

Finalment, din id-deċiżjoni għandha twassal ukoll biex jitwaqqaf il-kummerċ illegali ta' għasafar tal-għana minn pajjiżi oħra biex jintużaw bħala *decoys* biex jinqabdu għasafar tal-għana oħrajn waqt l-istaġun. Dan kollu jintemm għax tispiċċa d-domanda tas-suq għall-għasafar tal-għana fil-gaġeġ. Ħafna minn dawn kienu qed jiddaħħlu Malta illegalment minn Sqallija u l-Italja kull meta tasal il-ħarifa biex jispiċċaw għall-bejgħ fuq il-monti.

Dan il-verdett – li ma jistax jiġi appellat – jorbot lil Malta, li hija obbligata tosserva l-konklużjonijiet tiegħu. Għalkemm Malta kienet ordnata tħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża, il-Gvern Malti ma jeħel l-ebda multa addizzjonali jekk joqgħod għad-deċiżjoni.

Il-verdett finali tal-lum, li jikkumplimenta l-Opinjoni tal-Avukat Ġenerali tal-Qorti Ewropea u l-parir mogħti mill-Avukat Ġenerali ta' Malta (ara n-**Nota lill-edituri** aktar 'l isfel), jindika ċar li l-metodoloġija tal-insib f'Malta tmur kompletament kontra d-Direttiva Ewropea – u dan jista' jintqies ukoll bħala messaġġ indirett lill-Gvern biex iwaqqaf ukoll l-istaġun tal-insib għall-Pluviera u l-Malvizz għax il-qbid u l-kontroll tagħhom isir bl-istess mod bħall-għasafar tal-għana. Wieħed irid ifakkar li l-insib għal dawn iż-żewġ speċi wkoll huwa suġġett għal proċeduri ta' ksur li fetħet l-Unjoni Ewropea kontra Malta li jistgħu jwasslu biex Malta tittieħed il-Qorti anke f'dan il-każ. Il-konklużjonijiet tal-verdett tal-lum li jwaqqaf lil pajjiżna milli jiftaħ l-insib għall-għasafar tal-għana japplikaw għal kwalunkwe speċi oħra ta' għasafar, u allura l-Gvern għandu jikkunsidra serjament li jwaqqaf l-insib għalkollox.



BirdLife Malta issa tappella lill-Gvern biex jonora l-verdett tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE u jirtira r-regolamenti (framework law) li kienu ddaħħlu mid-WBRU fl-2014 u li jippermettu deroga li hija f'kunflitt mal-prinċipji tad-Direttiva tal-UE dwar l-Għasafar. Intennu wkoll li dan il-verdett għadu jkun meqjus bħala turija ċara u mingħajr ewkivoċi li l-Kummissjoni Ewropea hija b'saħħitha quddiem prattiċi insostenibbli u li jagħmlu l-ħsara lill-ambjent bħalma huwa l-insib – li kien permess biss għall-konvenjenza politika kontra kull parir xjentifiku u anke kontra l-parir legali mogħti mill-Avukat Ġenerali ta' Malta stess. BirdLife Malta, flimkien mal-imsieħba Ewropej tagħha, tesprimi wkoll sodisfazzjon għall-pożizzjoni li ħa d-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea għall-Ambjent fuq din il-kwistjoni, taħt it-tmexxija tal-Kummissarju Malti tal-UE Karmenu Vella nnifsu. Xi ħaġa bħal din tagħti valur lill-kunċett ta' wirt Ewropew komuni fejn għandu x'jaqsam mal-għasafar selvaġġi u l-ħabitati tagħhom, u l-implimentazzjoni tad-Direttivi Ewropej dwar in-Natura li huma importanti għall-kwalità tal-ħajja tagħna lkoll.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Mehmużin:**
- Il-logo tal-kampanja #STOPTRAPPINGNOW
- L-istorja tal-insib għall-għasafar tal-għana f'Malta (ENG)
- Fuljett dwar l-insib għall-għasafar tal-għana f'Malta u l-impatti tiegħu (ENG)

**Niżżel ir-ritratti minn hawn: https://we.tl/tIGXIjVaDo** (ritratti ta' BirdLife Malta)
1. Ġojjin f'gaġġa
2. Għasfur tal-għana f'gaġġa
3. L-insib jeqred il-ħabitati naturali
4. Fix-xbieki jinqabdu ħlejjaq oħra intortament, mhux biss għasafar
5. L-insib jiġi permess ukoll fuq art pubblika
6. Għasafar selvaġġi jmutu f'kundizzjonijiet krudili
7. L-insib jagħti lok għal kummerċ illegali tal-għasafar
8. Lanqas 'it-tradizzjoni' ma tiġġustifika l-qtil tal-għasafar

9-17. Għażla ta' ritratti mill-konferenza stampa tal-lum

**Niżżel il-filmati minn hawn (agħfas fuq il-ħoloq):**
1. *Video* tal-kampanja #STOPTRAPPINGNOW
2. L-impatt tal-imnasab fuq siti Natura 2000
3. Kummerċ illegali ta' għasafar tal-għana f'Malta

**Nota lill-edituri:**
Il-kawża li ġiet deċiża llum infetħet mill-Kummissjoni f'Ottubru 2015 wara li l-Gvern Malti injora numru ta' twissijiet formali min-naħa tal-UE u dan wassal biex il-Kummissjoni tieħdu l-Qorti. Dan wara li sena qabel, l-istaġun tal-insib reġa' nfetaħ minkejja li skont il-kundizzjonijiet tat-Trattat tas-Sħubija ta' Malta fl-UE tal-2004 il-Gvern Malti kien qabel li l-insib kellu jiġu abolit b'mod gradwali fuq perjodu ta' ħames snin, sal-2009. Mill-2014 'il quddiem, minkejja t-twissijiet tal-UE u eventwalment anke l-azzjoni legali quddiem il-Qorti, Malta baqgħet tiftaħ kull sena staġun tal-insib għal seba' speċi ta' għasafar tal-għana. Dan sar f'Ottubru 2014, Ottubru 2015, Ottubru 2016 u anke Ottubru li għadda.



F'Lulju 2017 l-Avukat Ġenerali tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja Eleanor V. E. Sharpston ħabbret l-Opinjoni tagħha dwar il-kawża u waqt li kkundannat l-insib tal-għasafar tal-għana f'Malta, iddikjarat b'mod ċar li ma teżisti l-ebda raġuni valida biex l-insib f'Malta jiġi permess. Esprimiet ukoll dubji serji dwar il-livelli ta' infurzar u superviżjoni. Ir-rakkomandazzjonijiet tagħha, kif kien mistenni, issa ġew adottati mill-Qorti fil-verdett finali.

Anke l-Avukat Ġenerali ta' Malta kien ta parir lill-Gvern Malti biex ma jiftaħx l-istaġun u fl-2014 kien wissa lill-Gvern li m'hemm l-ebda ġustifikazzjoni għall-insib tal-għasafar tal-għana. Minkejja l-parir li d-deroga tmur kontra l-liġijiet Ewropej u li kien se jkun diffiċli li l-kawża tintrebaħ, il-Gvern kien injora l-pariri tal-Avukat Ġenerali tiegħu stess u baqa' għaddej bil-ftuħ tal-istaġun.

